# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 345/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ransley)

vs

**Sandra Grixti**

bint Alfred, imwielda Pieta', fl-14 ta' Marzu, 1988, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 138388(M)

Illum, 6 ta' Awwissu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Sandra Grixti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli għal habta tat-3:00 ta' fil-għodu nhar tas-06 ta' Awwissu, 2014 fi Triq il-Kuncizzjoni, Msida:

1. Ikkomettiet serq ta’ nuċċali tax-xemx u fliexken tal-Coca Cola minn vettura Peugeot Partner bin-numru tar-reġistrazjoni IBT 251 għad-detriment ta’ Isabella Mizzi u/jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; u

2. Talli kisret il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta permezz ta' sentenza datata l-1 ta' April, 2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta’ Awwissu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 261(f)(g), 270, 271(g) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 7, 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq l-ammissjoni nkondizzjonata tagħha stess, sabet lill-imputata **Sandra Grixti**, ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u ikkundannatha :

(a) kwantu għall-ewwel imputazzjoni għall-piena ta’ priġunerija effettiva għal perjodu ta’ tminn (8) xhur millum;
(b) kwantu għat-tieni imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata ħatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ta’ probation mogħti lilha permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-1 ta’ April, 2014 u għalhekk trattat mal-ħatja għall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kienet impoggija taħt l-ordni tal-probation daqs li kieku għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u fil-waqt li għal kull buon fini kkonfermatha ħatja fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, ħassaret l-ordni tal-probation magħmul bis-sentenza imsemmija u wara li rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281(a) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 7, 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta il-Qorti kkonsidrat li r-raba' imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel tliet imputazzjonijiet u għalhekk ikkundannat lill-imsemmija Sandra Grixti għal-perjodu ulterjuri ta’ għoxrin xahar (20) priġunerija.

Għall-fini ta’ kjarezza b’din is-sentenza għalhekk Sandra Grixti giet kundannatha għall-ammont komplessiv ta’ tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija.

Inoltre peress illi f'dan il-każ il-Qorti tqis illi hemm l-estremi u l-ħtiega għal biex jiġi applikat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront u fl-interess ta' Sandra Grixti, sabiex tipprovdi għat-trattament tagħha, il-Qorti ordnat li Sandra Grixti titqiegħed taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tmintax il-xahar mill-lum, liema trattament sejjer ikun dak maħsub sabiex Sandra Grixti tiġi mgħejuna tegħleb diffikultajiet ta' natura psikologika kif ukoll sabiex tiġi mgħejuna tegħleb il-vizzju tad-dipendenza u l-abbuż mid-droga. Għaldaqstant issollecitat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex fil-perjodu li fih il-ħatja tkun qegħda tiskonta s-sentenza ta' priġunerija tipprovdilha kull għajnuna possibbli mill-Uffiċjali Professjonisti adetti fl-istess Faċilita' sabiex din l-ordni tkun tista' titwettaq b'suċċess.

Rat ir-rikors tal-appellanta Sandra Grixti pprezentat fis-26 ta' Awwissu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet htija u thassara f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflokk tikkundana lill-appellanta piena aktar ewka u gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-
Illi l-piena erogata minn l-ewwel onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet wahda eccessiva u esagerata u dan minhabba ir-ragunijiet li gejjin.

Illi l-appellanta taghmilha cara li hija ammettiet l-imputazzjonijiet kif gew migjuba kontriha u qeghda tassumi l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

*Illi l-Qorti tal-Magistrati erogat piena li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kienet wahda harxa u zgur mhux diretta ghar-riforma tal-appellanta.*

*Illi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 261 (f)(g), 270, 271(g) u 281 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 7, 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni nkondizzjonata tal-appellanta stess, sabet lill-imputata Sandra Grixti, hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u tikkundannaha:*

*(a) kwantu ghall-ewwel imputazzjoni ghall-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta'*

*tminn (8) xhur mill-lum;*

*(b) kwantu ghat-tieni imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation moghti lilha permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-1 ta' April, 2014 u ghalhekk qeghda tittratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kienet impoggija taht l-ordni tal-probation daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonfermaha hatja fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonij iet, thassar l-ordni tal probation maghmul bis-sentenza imsemmija u wara li rat /-Artikoli 261 (c) (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281 (a) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 7, 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tikkonsidra li r-raba imputazzjoni bhala alternattiva ghall-ewwel tliet imputazzjonijiet u ghalhekk tikkundanna lill-imsemmija Sandra Grixti ghal-perjodu ulterjuri ta' ghoxrin xahar (20) prigunerija.*

*Ghall-fini ta' kjarezza b'din is-sentenza ghalhekk Sandra Grixti qeghda tigi kundannata ghall-ammont komplessiv ta' tmienja u ghoxrin (28) xahar prigunerija.*

Illi fil-fatt ma jidhirx li l-Qorti tal-Magistrati, ghalkemm sar accenn ghal l-ammissjoni bikrija ta' l-appellanta, fir-realta ikkunsidrat din l-ammissjoni meta giet biex tiddetermina l-piena dwar it-tieni mputazzjoni. Anzi jidher li bhala piena li nghatat kienet wahda ikkalibrata fil-massimu taghha.

Illi l-aggravji tal-appellanta huma bazikament tnejn: li ma gietx segwita l-procedura ndikata fl-artikolu 8 tal-Kap.152, u li ma kien hemm ebda raguni ghala l-ewwel Qorti kellha tnehhi l-ordni tal-probation u tikkundannaha ghoxrin (20) xahar prigunerija.

Illi d-disparita' bejn il-kundanna erogata f'dan il-kaz u kazijiet simili hija evidenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellanta hi wahda eccessiv.

Illi dan il-fatt jirrizulta billi l-ewwel Qorti nehhiet l-ordni ta' probation u minflok ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' ghoxrin xahar prigunerija.

Illi fil-fehma tal-appellanta dan il-kalibrar tal-piena mhux gust fil-konfront taghha billi hi ammettiet fl-ewwel seduta l-htija taghha, jjigifieri l-akkuza ta' serq u il-ksur ta' l-ordni ta' probation.  L-appellanta hi tal-fehma li billi hemm ammissjoni bikrija dan il-beneficcju kellu japplika wkoll ghal ksur tal-ordni ta' probation.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena tal-ammissjoni bikrija ghandha tigi riflessa fuq l-akkuzi kollha.  Ghalhekk, din il-Qorti ser tiehu dan il-fatt in konsiderazjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa l-appell ta' Sandra Grixti.  Tikkonferma l-piena ta' tmien (8) xhur fuq l-ewwel akkuza.  Dwar it-tieni akkuza timmodifika l-piena nflitta u minflok ghoxrin (20) xahar tikkundanna lill-appellanta ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.  Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.